MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 311/2008

**L-Avukat Dottor Michael Grech bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera L-Oreal SA`.**

**vs**

**Dr. Patrick Valentino u l-P.L. Doreen Aquilina li b'digriet tas-17 ta' April 2008 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill Sarl Razik Com Imort/ Export ta' Badjarah, Algiers.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' l-Avukat Michael Grech bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera L-Oreal SA datat 1 ta' April 2008 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi s-socjeta` attrici L'Oreal SA ta' 14, Rue Royale, 75008 Paris, Franza, hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markji "**L'OREAL**" u "**GARNIER**", liema marjki huma wzati mis-socjeta' attrici fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal *make up, skin care products, facial cleansers, lotions, creams* u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti "A", "B" u "C";

Illi s-socjeta` attrici hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta` industrijali ta' l-istess markji "**L'OREAL**" u "**GARNIER**", fil-komplessita` taghhom irregistrati fir-Registru tal-Markji f'Malta taht *Trademark No 12993* (Dok "A"), *Trademark No 12994* (Dok "B"), *Trademark No 19015* (Dok "C) u dan kollu *ai termini* tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta, liema markji huma wkoll irregistrati bhala *Trademark* Komunitarja mal-"*Office for Harmonization in the Internal Market*" ta' l-Unjoni Ewropeja (ibbazat f'Alicante, Spanja) taht in-numri 003089158;

Illi jirrizulta illi fis-7 ta' Frar 2008 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur "AL SABAHIA" tal-White Shipping Division, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' prodotti li jgibu l-marjku "**L'OREAL**" fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti mis-segwenti; (i) dsatax-il elf u mitejn (19,200) tubu *foundation*; (ii) wiehed u erbghin elf mitejn u tmenin (41,280) tubu *foundation*; (iii) sebat elef sitt mija u tmenin (7,680) vazett *anti ageing cream*; u (iv) wiehed u ghoxrin elf u sitt mitt (21,600) tubu *liquid powder foundation* b'*Container* Numru CRXU 9172755 u li m'humiex genwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni tal-**Artikolu 4 tal-Kap 414**;

Illi mill-Cargo Manifest Numru 92792 jirrizulta li l-konsenjatarji tal-prodotti in kwistjoni huma ndikati bhala Sarl Razik Com Import / Export ta' Badjarah, Algiers, l-Algerija, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma West Green Commodities FZE;

Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni

temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-proprjeta` intellettwali huwa projbit skond l-**Artikolu 4 ta’ l-istess Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Illi dawn il-prodotti in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta attrici skond l-**artikolu 2 (1) (a) (i), (ii) u (iii) tal-Kap 414**, li favur taghha huma rregistrati l-markju “**L’OREAL**” u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta’ proprjeta intellettwali tas-socjeta` attrici skond l-**Artikolu 2 (1) (b) tal-istess Kap 414**, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attirici skond l-**artikolu 2 (1) (a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC)** Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003 li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma suspettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinstabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif jirrizulta minn analizi li ghamlu rapprezentanti tas-socjeta` attrici;

Illi din il-konsenja ta’ prodotti bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provedimenti tal-**Kap 414** wara l-applikazzjonijiet bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja ta’ l-applikazzjonijiet immarkati bhala Dok “D”).

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-prodotti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’piraterija (skond l-**artikolu 2 (1) (a) u (b) tal-Kap 414)**;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ prodotti li tikkonsisti fis-segwenti; (i) dsatax-il elf u mitejn (19,200)

tubu *foundation*; (ii) wiehed u erbghin elf mitejn u tmenin (41,280) tubu *foundation*; (iii) sebat elef sitt mija u tmenin (7,680) vazett *anti ageing cream*; u (iv) wiehed u ghoxrin elf u sitt mitt (21,600) tubu *liquid powder foundation* b'*Container* Numru CRXU 9172755, da parti tas-socjeta` konvenuta u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici in kwantu li m'humiex genwini, skond l-**Artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii) u (b) tal-Kap 414** (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-**artikolu 4 ta' l-istess Kap 414**, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta` attrici bin-numri 12993, 12994 u 19015 fir-Registru tal-Markji ta' Malta;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' prodotti tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-**artikolu 21 (a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC)** Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta` attrici bin-Numri 12993, 12994 u 19015 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-*Trademark* Komunitarji Numru 003089158 registrat f'isem is-socjeta` attrici (dan kollu skond il-provedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropea));

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta` attrici a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu l-prodotti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenut, skond l-**artikolu 8 tal-Kap 414**;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Ntellettwali (Mizuri Intrakonfini) – **Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta** u/jew skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta` attrici;

6. Tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-prodotti in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-**Kap 414**.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata ngunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 13 tal-process;

Rat in-nomina tal-Avukat Dr. Patrick Valentino u lill-Prokuratur Legali Doreen Aquilina bhala kuraturi deputati skond digriet datat 17 ta' April 2008 (fol. 19 tal-process).

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-28 ta' Mejju 2008.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati datata 21 ta' Mejju 2008 a fol. 25 tal-process fejn ecceppew:-

(1) Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero` jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2008 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Michael Grech ghas-socjeta` attrici li nforma lill-Qorti li ghadda kopja tad-dokumenti minnu prezentati b'mod informali lil Dr. Patrick Valentino. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett t'ostakolu ghat-2 ta' Ottubru 2008. Aktar tard deher Dr. Patrick Valentino li rrimetta ruhu ghall-atti u ha konjizzjoni tal-verbal tal-istess seduta.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi f'din il-kawza jirrizulta li fis-7 ta' Frar 2008 dahal f'Malta kontejner Numru CRXU 9172755 li tieghu s-socjeta' intimata kienet il-konsenjatarja.

Illi minn ezami tal-kontenut tieghu fil-11 ta' Frar 2008 mill-ufficjali tad-Dwana (Dok. "MG3 – affidavit ta' l-Ispettur tad-Dwana George Agius) jirrizulta li kien hemm konsenja ta' prodotti li kienet tikkonsisti (i) f'dsatax-il elf u mitejn (19,200) tubu *foundation*; (ii) f'wiehed u erbghin elf mitejn u tmenin (41,280) tubu *foundation*; (iii) f'sebat elef sitt mija u tmenin (7,680) vazett *anti ageing cream*; u (iv) f'wiehed u ghoxrin elf u sitt mitt (21,600) tubu *liquid powder foundation* tal-marka "L-OREAL" u "GARNIER" (li huma marki u trademarks registrati favur is-socjeta' attrici, kif jidher mir-registrazzjonijiet relattivi (Dok. "A" sa Dok. "C", u Dok. "E") u peress li kien hemm suspett li l-istess oggetti kienu falsifikati gew mizmuma mill-awtorita' kompetenti pendenti ezamijiet ulterjuri fuq l-istess, b'dan li s-socjeta' attrici giet informata bl-istess (Dok. "D").

Illi l-istess socjeta' attrici zammet l-ezamijiet necessarji li kkonfermaw li tali merkanzija kienet fil-fatt kontrafatta u falsifikata (Dok. "MG 1" u Dok. "MG2" annessi man-nota tat-28 ta' Mejju 2008) u dan bi ksur tad-drittijiet tas-socjeta' attrici fuq l-istess marki fuq l-imsemmija prodotti u b'hekk bi ksur tal-ligijiet ta' Malta u fil-fatt l-istess socjeta' attrici kitbet (Dok. "D") lill-Awtorita' kompetenti sabiex tali oggetti jigu mizmuma, kif hekk ghadhom, sakemm isiru l-proceduri opportuni li huma dawk odjerni.

Illi dwar spejjez ghad-distruzzjoni tal-istess oggetti dawn huma indikati fl-affidavit tal-istess Ispettur tad-Dwana George Agius u fi prospett immarkat bhala Dok. "MG 1" u allura din il-Qorti tirreferi ghall-istess b'riferenza ghas-sitt

talba attrici, b'dan pero' li ovvjament li ghall-hazna tal-prodotti sakemm l-istess jigu distrutti, l-ammont ta' l-ispejjez ghandu jikkomprendi iz-zmien kollu li l-istess oggetti jdumu hekk mahzuna, nkluz allura ghall-perjodu wara d-data tal-31 ta' Awissu 2008 imsemmija fl-istess dokument.

Illi ghalhekk din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba attrici peress li ma hemmx bzonnha, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra *stante* li jirrizultaw ippruvati.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, u fil-waqt **li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames (5) talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici** l-ohra b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-prodotti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-**artikolu 2 (1) (a) u (b) tal-Kap 414)**;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' prodotti li tikkonsisti fis-segwenti; (i) dsatax-il elf u mitejn (19,200) tubu *foundation*; (ii) wiehed u erbghin elf mitejn u tmenin (41,280) tubu *foundation*; (iii) sebat elef sitt mija u tmenin (7,680) vazett *anti ageing cream*; u (iv) wiehed u ghoxrin elf u sitt mitt (21,600) tubu *liquid powder foundation* b'*Container* Numru CRXU 9172755, da parti tas-socjeta` konvenuta u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici in kwantu li m'humiex genwini, skond l-**artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii) u (b) tal-Kap 414** (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) u

ghaldaqstant vjolazzjoni tal-**artikolu 4 ta' l-istess Kap 414**, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta` attrici bin-numri 12993, 12994 u 19015 fir-Registru tal-Markji ta' Malta;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' prodotti tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-**Artikolu 21 (a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC)** Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta` attrici bin-Numri 12993, 12994 u 19015 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-*Trademark* Komunitarji Numru 003089158 registrat f'isem is-socjeta` attrici (dan kollu skond il-provedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropea);

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex konsegwenti ghall-ewwel tlett talbiet attrici fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-senetenza jiddistruggu l-prodotti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-entita' konvenuta, skond l-**artikolu 8 tal-Kap 414**;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess talba ghaliex m' hemmx bzonnha.

6. Tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-prodotti in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana u dan kollox kif indikat f'din il-kawza u f'din id-decizjoni u dan skond it-termini tal-**Kap 414**.

Bl-ispejjez kontra l-entita' konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------